11.3.2015

B8-0215/2015 }
B8-0216/2015 }
B8-0221/2015 }
B8-0222/2015 }
B8-0223/2015 }
B8-0225/2015 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Javier Couso Permuy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Lega tal-Istati Għarab u l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu
**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Iwissi kontra t-tentazzjoni ta' ritorn għall-prattiki b'viżjoni qasira u ineffikaċi preċedenti ta' kollużjoni ma' xi reġimi awtoritarji li huma membri tal-Lega tal-Istati Għarab f'isem is-sigurtà, l-istabbiltà u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' stati repressivi ħafna li jikkommettu ksur estensiv tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi tagħhom, inklużi l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt għal firxa wiesgħa ta' delitti, it-tortura, il-kastig fiżiku, eżekuzzjonijiet u detenzjonijiet arbitrarji, proċessi militari massivi, ir-repressjoni ta' protesti soċjali jew l-okkupazzjoni ta' territorji oħrajn;*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Javier Couso Permuy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Lega tal-Istati Għarab u l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***8a. Iqis li l-UE għandha tirrevedi drastikament il-politika esterna tagħha, b'mod partikolari l-istrateġija tagħha dwar in-Nofsinhar tal-Mediterran, bħala parti mir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) li għaddej bħalissa, fid-dawl tal-falliment tagħha; jistieden lill-UE tistabbilixxi qafas ġdid ta' relazzjonijiet ma' dawn il-pajjiżi u r-reġjuni, ibbażata fuq in-nuqqas ta' intervent fl-affarijiet interni tagħhom u r-rispett għas-sovranità tagħhom u maħsuba biex tappoġġa l-iżvilupp tar-reġjuni tal-viċinat u tippromwovi l-impjieg u l-edukazzjoni, aktar milli "ftehimiet ta' assoċjazzjoni" li jservu l-aktar biex jistabbilixxu żoni ta' kummerċ ħieles għall-benefiċċju tal-interessi tal-kumpaniji Ewropej;*** |

Or. en

11.3.2015

B8-0215/2015 }
B8-0216/2015 }
B8-0221/2015 }
B8-0222/2015 }
B8-0223/2015 }
B8-0225/2015 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Javier Couso Permuy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Lega tal-Istati Għarab u l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu
**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jikkritika bil-qawwa l-kummerċ intensiv fl-armi ta' xi Stati Membri tal-UE ma' diversi stati membri tal-LAS li huma repressivi ħafna bħall-Arabja Sawdija, l-Eġittu jew il-Marokk; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kunsill biex jivverifika jekk sarx ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni ta' Armi u biex jadotta miżuri stretti bil-għan li dan il-kodiċi jkun rispettat bis-sħiħ mill-Istati Membri kollha; jappella għas-sospensjoni u l-projbizzjoni tal-esportazzjonijiet tal-gass tad-dmugħ u ta' materjal għall-kontroll tal-folol lejn il-pajjiżi tal-LAS sakemm jiġu biex jitwettqu l-investigazzjonijiet dwar l-użu mhux xieraq tagħhom u sakemm dawk li kkommettew tali użu mhux xieraq jiġu biex jinżammu responsabbli għal għemilhom;*** |

Or. en

11.3.2015

B8-0215/2015 }
B8-0216/2015 }
B8-0221/2015 }
B8-0222/2015 }
B8-0223/2015 }
B8-0225/2015 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Javier Couso Permuy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Lega tal-Istati Għarab u l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu
**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE u ta' dawk tal-LAS jirrispettaw il-projbizzjoni tat-tortura kif minqux b'mod mill-aktar notevoli fil-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti, li l-biċċa l-kbira minnhom iffirmaw jew irratifikaw; itenni li l-konfessjonijiet furzati taħt tortura mhumiex validi u jikkundanna din il-prattika mwettqa mill-Istati Membri tal-UE u dawk tal-LAS; jopponi bil-qawwi l-użu tad-drones fil-qtil extraġudizzjarju ta' dawk suspettati b'atti ta' terroriżmu u jitlob li l-użu tad-drones għal dan il-għan jiġi pprojbit;*** |

Or. en